**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002**

Citazzjoni Numru: **514/02TM**

Numru**: 8**

**Calmarine Services Ltd.**

vs

**B'digriet tal-Qorti ta' l-20 ta' Mejju, 2002 gew nominati Dr Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala deputati kuraturi biex jirraprezentaw lil bastiment "OCEAN ALERT"**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' Calmarine Services Limited hija kreditrici tal-bastiment "Ocean Alert" fl-ammont ta' LM30,509.64 (tletin elf hames mija u disa' liri Maltin erba' u sittin centezmi);

Ippremettiet illi dan il-kreditu huwa bilanc minn ammont akbar li jirraprezenta forniment ta' provisti u servizzi ohra necessarji ghal-bastiment, hlasijiet ta' agenzija kif wkoll hlasjiet lil awtoritajiet u socjetajiet lokali ghan-nom tal-bastiment u l-ekwipagg tieghu;

Ippremettiet illi s-socjeta' attrici talbet lis-sidien tal-bastiment diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont dovut u minkejja dan huma baqghu inadempjenti;

Ippremettiet illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

stante li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti.

Talbet ghalhekk li l-konvenut in vista tal-premess ghidu ghaliex din il-Qorti:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh a tenur ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm30,509.64 (tletin elf hames mija u disa' liri Maltin erba' u sittin centezmi);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Impediment u Mandat ta' Qbid datati 30 ta' April, 2002 u bl-imghax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci; hadd ma deher mill-parti tal-konvenut fl-udjenza tal-lum biex jitlob li jkun awtorizzat jikkontesta l-kawza;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**IMHALLEF**

**D/REG**